Sena Pastorali 2021-2022

X'intom tgħidu?
Lq 24,17

FAŻI	ŻMIEN	DATA	INIZJATTIVA	NOTI
TNEDIJA	Lejliet Pentekoste	Is-Sibt 22 ta' Mejju 2021 *fit-8.00pm, Ta' Pinu*	Velja Djoċesana ta' Pentekoste	Tnedija tal-pjan pastorali 2021-22
	Sajf 2021	L-Erbgħa 19 ta' Mejju *fis-7.00pm, Manresa*	Laqgħa mas-segreteriji parrokkjali	Is-segreterija parrokkjali tikkonsisti f'żewġ persuni li, flimkien mal-kappillan, ikun ta' medjaturi bejn is-segreterija ċentrali fil-kurja u l-gruppi tal-parroċċa. Deċiżjoni dwar il-modalità tal-involviment ta' Marsalforn, ix-Xledni (u r-Rabat)
		3 ġimgħat qabel il-festa ta' kull parroċċa	Laqgħa mal-presbiterju parrokkjali u laqgħa oħra mal-assemblea parrokkjali	F'dawn il-laqgħat jiġi preżentat il-pjan pastorali. Id-dati ta' dawn il-laqgħat jiġu ffissat bl-għajnuna tas-segreteriji parrokkjali.
		Fil-festa parrokkjali	L-Isqof jerġa' jirreferi għall-pjan pastorali u jimmotivah.	
			Pjan ta' Komunikazzjoni	Jitħejja u jibda jitħaddem pjan ta' komunikazzjoni djoċesan, permezz ta' equipe apposta.
			Tħejjija għall-fażijiet suċċessivi	Fis-segreterija ċentrali, issir tħejjija tal-istrumenti meħtieġa għall-fażijiet suċċessivi u formazzjoni tal-moderaturi.
ŻMIEN TA' TALB	Ottubru – Novembru	Il-Ħadd 3 ta' Ottubru	Festa tal-Madonna tar-Rużarju *Ftuħ taż-Żmien tat-Talb*	F'kull parroċċa tiġi ċċelebrata l-festa tal-Madonna tar-Rużarju bħala l-bidu ta' dan iż-żmien ta' talb.

		Bejn tmiem Settembru u l-ewwel Ħadd t'Ottubru	Tqassim ta' talbiet	Titqassam talba għal din is-sena, u talba speċifika biex tingħad mis-saċerdoti/reliġjuži, oħra mill-morda/anzjani, oħra mill-membri tal-għaqdiet, u oħra mit-tfal fl-iskejjel tal-Knisja. Jitqassmu wkoll skemi ta' adorazzjoni komunitarja (tal-Ħamis) u personali (fil-kappelli tal-adorazzjoni)
			Quddies fid-djar tal-anzjani	Matul dawn ix-xahrejn, is-saċerdoti li jqarrbnu lill-anzjani u l-morda fi djarhom, joffrulhom li jiċċelebraw il-Quddiesa fi djarhom, flimkien mal-familja tagħhom.
		Fix-xahar ta' Ottubru	Velja ta' Talb Parrokkjali	Fil-parroċċi, issir velja ta' talb bit-tema "Marija, Omm il-Knisja".
			Laqgħa għat-tfal tal-katekiżmu	Fiċ-ċentri tal-katekiżmu tat-tfal, tiġi ddedikata laqgħa fuq it-tema tas-sena, bl-għajnuna ta' sussidju mħejji apposta.
			Laqgħa għall-adolexxenti	Fil-gruppi tal-adolexxenti, tiġi ddedikata laqgħa fuq it-tema tas-sena, bl-għajnuna ta' sussidju mħejji apposta.
		Fix-xahar ta' Novembru	Velja ta' Talb Parrokkjali	Fil-parroċċi, fejn possibbli fiċ-ċimiterju, issir velja ta' talb bit-tema "L-għeruq tal-komunità tagħna".
			Ċelebrazzjoni fl-iskejjel primarji	Fl-iskejjel primarji, issir ċelebrazzjoni għall-istudenti dwar it-tema tas-sena.
			Ċelebrazzjoni fl-iskejjel sekondarji	Fl-iskejjel primarji, issir ċelebrazzjoni għall-istudenti dwar it-tema tas-sena
	Il-ġimgħa ta' qabel Kristu Re	Il-Ħamis 18 ta' Novembru	Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re għat-tfal	

		Il-Ġimgħa 19 ta' Nov.	Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re għall-adolexxenti	
		Is-Sibt 20 ta' Novembru	Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re għaż-żgħażagħ	
		Il-Ħadd 21 ta' Novembru	Solennità ta' Kristu Sultan Pellegrinaġġ Djoċesan	Tluq minn postijiet differenti, laqgħa ċelebrattiva u ta' talb f'post ċentrali.
ŻMIEN TA' TĦABBIRA	Żmien tal-Avvent (Diċembru)	L-ewwel tliet Ħdud tal-Avvent u s-Solennità tat-Tnissil bla tebgħa ta' Marija	Riflessjoni għall-komunità	Jiġu mħejjija sussidji ta' erbgħa omeliji marbuta mal-Liturġija tal-Kelma tal-Ħadd, b'applikazzjoni għall-ħajja personali imma anki għall-ħajja komunitarja.
		Mill-Ħadd 28 ta' Nov. sat-Tlieta 14 ta' Diċembru	Riflessjoni fil-gruppi	Jiġi mħejji "Kalendarju tal-Avvent" li jimxi mal-liturġija tal-Kelma tal-Quddiesa. Mis-siltiet bibliċi ta' kull ġurnata, tiġi indikata "dalma" (fuq livell komunitarju) u l-wegħda ta' "dawl" li se jiddi f'dik id-dalma. Tiġi mħejjija wkoll skema ta' laqgħa, li tipprevedi tħabbira tal-Kelma tal-ġurnata u riflessjoni mmexxija minn saċerdot. Kull grupp jagħżel ġurnata li fiha se jiltaqa'. F'dik il-laqgħa, issir riflessjoni skont l-iskema provduta, b'riferiment għad-"dalma" u d-"dawl" speċifiċi marbut ma' dik il-ġurnata.
	Novena tal-Milied	Mill-Erbgħa 15 sal-Ħamis 23 ta' Diċembru	Novena tal-Milied fil-parroċċi	Kull ġurnata tiġi indikata tip ta' dalma li fiha ninsabu, u ssir it-tħabbira tad-dawl li se jiddi f'dik id-dalma bil-miġja tal-Mulej Ġesù. It-talba tal-komunità,

				għalhekk, issir "Ejja Mulej Ġesù". Id-disa' dalmiet u dwal huma mnebbħa mill-Evangelii Gaudium, l-aktar min-nn. 76 sa 109 (u anki nn. 52 sa 75).
	Żmien il-Milied			
EŻAMI TAL-KUXJENZA * * * Skopijiet: (a) *Stocktaking*: min aħna? X'nagħmlu? U x'impatt qed iħalli dak li nagħmlu? (b) Skoperta tal-motivazzjonijiet: għaliex nagħmlu dak li nagħmlu? (c) Ekkleżjalità: kemm aħna parti mill-Knisja sħiħa? Kemm aħna fidili lejn il-missjoni tagħna?	Jannar – Frar	Mill-Ħadd 9 ta' Jannar sas-Sibt 12 ta' Frar	Evalwazzjoni fil-gruppi	Il-Gruppi jinqasmu fi tliet kategoriji, skont it-tliet *munera*: gruppi li jinġabru madwar il-Kelma, gruppi li huma għas-servizz liturġiku, gruppi li huma għas-servizz aktar wiesgħa tal-komunità. Jiġu mħejjija tliet skemi ta' diskussjoni, skont it-tliet *munera*. Is-segreterija parrokkjali tavża bid-dati tal-laqgħat lis-segreterija pastorali biex għal kull laqgħa jattendi moderatur. Kull grupp jieħu n-noti u jħejji relazzjoni bil-miktub.
	Lejn tmiem Frar	Mill-Ħadd 13 ta' Frar sat-Tlieta 1 ta' Marzu	Assemblea parrokkjali *Għeluq ta' din il-fażi*	F'forma ta' ċelebrazzjoni (jew f'Quddiesa), issir kondiviżjoni ma' kulħadd tar-relazzjoni li jkun ħejja kull grupp. Wara, jinġabru flimkien ir-relazzjonijiet bħal f'"dokument parrokkjali". Għal din l-assemblea ikun preżenti l-Isqof.
TALBA TA' MAĦFRA	Żmien ir-Randan	L-Erbgħa 2 ta' Marzu	L-Erbgħa tar-Rmied	Enfasi fuq l-aspett komunitarju tal-att

* * * Skopijiet: (a) Ri-skoperta tal-essenzjal tal-ħajja nisranija – il-kmandament il-kbir u l-mandat missjunarju. (b) Kull grupp jagħraf id-differenza bejn l-ideal li għandu hu u r-realtà attwali; u bejn l-ideal tal-ħajja nisranija u r-realtà attwali.	Marzu – April			penitenzjali, u riferiment għall-proċess ta' evalwazzjoni u konverżjoni li qed isir.
			Eżerċizzji tar-Randan	Tħabbira tal-essenza tal-ħajja nisranija u skoperta mill-ġdid tal-Magħmudija; u katekeżi dwar is-Sagrament tal-Qrar.
		Il-Ġimgħa 11 ta' Marzu (jew data oħra)	Evalwazzjoni għall-gruppi tal-Kelma	Il-kappillan imexxi laqgħa għall-gruppi tal-Kelma. Issir tħabbira u stedina għall-konverżjoni, b'riferiment għad-dianjosi li tkun saret fil-fażi preċedenti.
		Il-Ġimgħa 18 ta' Marzu (jew data oħra)	Evalwazzjoni għall-gruppi tal-Liturġija	Il-kappillan imexxi laqgħa għall-gruppi tal-Liturġija. Issir tħabbira u stedina għall-konverżjoni, b'riferiment għad-dianjosi li tkun saret fil-fażi preċedenti.
		Il-Ġimgħa 25 ta' Marzu (jew data oħra)	Evalwazzjoni għall-gruppi tas-Servizz	Il-kappillan imexxi laqgħa għall-gruppi tas-Servizz. Issir tħabbira u stedina għall-konverżjoni, b'riferiment għad-dianjosi li tkun saret fil-fażi preċedenti.
		Il-Ġimgħa 1 ta' April (jew data oħra)	Pellegrinaġġ penitenzjali	F'kull parroċċa jsir pellegrinaġġ pentitenzjali.
	Il-ġimgħa tad-Duluri	Mill-Ħadd 3 sas-Sibt 9 ta' April	Ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Qrar	It-Tnejn 4 ta' April: Ċelebrazzjoni Penitenzjali għas-saċerdoti; Mit-Tlieta sal-Ħamis: Ċelebrazzjoni Penitenzjali fil-parroċċi.
		Il-Ġimgħa 8 ta' April	Tifkira devozzjonali tad-Duluri *Għeluq ta' din il-fażi*	Pellegrinaġġ parrokkjali

	Il-Ġimgħa Mqaddsa	Mill-Ħadd 10 ta' April sal-Ħadd 17 ta' April		
ŻMIEN TA' ĊELEBRAZZJONI * * * Skop: (a) Kull grupp, u mbagħad bħala parroċċa, jistaqsi x'għandu jkun il-pass li jmiss isir biex nqarrbu lejn l-ideal.	Żmien il-Għid April – Mejju		Tberik tal-familji	Minn qabel, jitqassam bħal kwestjonarju biex il-familji jkunu jistgħu jagħmlu xi suġġerimenti lill-parroċċa dwar il-pass li jmiss. Din l-iskeda tinġabar mill-kappillan/mis-saċerdot li jmur ibierek. Fit-tberik jitaqassam il-Vanġelu skont San Luqa. Mal-Vanġelu, titqassam skema ta' kif il-familja tista' taqra u titlob bil-Vanġelu fuq medda ta' sena. Fit-talb li jsir fit-tberik, tinqara silta mill-Vanġelu skont San Luqa li tkun taqbel maċ-ċirkustanza ta' dik il-familja partikulari (jitħejjew xi suġġerimenti ta' siltiet).
		Mill-Ħadd 24 ta' April sal-Ħamis 26 ta' Mejju	Evalwazzjoni fil-gruppi	Il-Gruppi jinqasmu fi tliet kategoriji, skont it-tliet *munera* (kif kienu qabel). Jiġu mħejjija tliet skemi ta' evalwazzjoni, skont it-tliet *munera*. Is-segreterija parrokkjali tavża bid-dati tal-laqgħat lis-segreterija pastorali biex għal kull laqgħa jattendi moderatur. Kull grupp jieħu n-noti u jħejji relazzjoni bil-miktub.

		Mill-Ġimgħa 27 ta' Mejju sas-Sibt 4 ta' Ġunju	Novena ta' Pentekoste *Ċelebrazzjoni Parrokkjali*	Tiġi ċċelebrata n-Novena ta' Pentekoste fil-parroċċi. F'ġurnata minnhom, issir ċelebrazzjoni tal-għeluq ta' din il-fażi, li għaliha jattendi l-Isqof. It-tema: Mit-tiġrif, Alla jibni t-Tempju tiegħu
	Lejliet Pentekoste	Is-Sibt 4 ta' Ġunju	Velja Djoċesana ta' Pentekoste	Tnedija tal-pjan pastorali 2022-23